

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/979

tal-14 ta' Marzu 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 7(13), 21(12), 21(13), 22(9), 23(7) u 25(7) tiegħu,

Billi:

- (1) L-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett jenħtieġ li tippreżenta ċ-ċifri finanzjarji ewlenin li jipprovdu lill-investituri b'ħarsa ġenerali fil-qosor lejn l-assi, il-passivi u l-profittabbiltà tal-emittent, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni finanzjarja ewlenija oħra li tkun rilevanti għall-investituri biex jagħmlu valutazzjoni preliminari tal-prestazzjoni finanzjarja u tal-pożizzjoni finanzjarja tal-emittent. Sabiex jiġi żgurat li din l-informazzjoni tkun konċiża u rilevanti, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi identifikat għadd limitat ta' divulgazzjonijiet, jiġi speċifikat it-tqassim tagħhom u tiġi kkalibrata l-informazzjoni finanzjarja biex jitqiesu t-tipi differenti ta' emittenti u titoli.
- (2) Sabiex jiġi evitat li l-investituri jiġu mqarqa, l-emittenti jenħtieġ li jkunu intitolati li jinkludu divulgazzjonijiet addizzjonali speċifiċi, inklużi miżuri ta' prestazzjoni alternattivi, fejn iqisu li d-divulgazzjonijiet meħtieġa ma jipprovdux stampa ċara tal-prestazzjoni u tal-pożizzjoni finanzjarja tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-investituri jiffokaw primarjament fuq iċ-ċifri li jirriżultaw mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, jenħtieġ li l-miżuri ta' prestazzjoni alternattivi ma jingħatawx aktar prominenza fil-prospett milli jingħataw iċ-ċifri estratti mill-informazzjoni finanzjarja storika.
- (3) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità u l-piżijiet amministrattivi fuq l-emittenti, l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, inklużi partiti addizzjonali u miżuri ta' prestazzjoni alternattivi, jenħtieġ li tirriproduċi informazzjoni żvelata fil-prospett stess.
- (4) Huwa xieraq li l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju tal-prospett tiġi adattata għall-attività ekonomika tal-emittent, għas-settur industrijali tiegħu, għall-partiti prinċipali tar-rapporti finanzjarji tiegħu u għat-tip ta' titoli li jkunu qegħdin jinħarġu jew jiġu offruti. Madankollu, mhuwiex possibbli li jiġu pprovdu mudelli speċifiċi għat-tipi kollha ta' emittenti.

<sup>(1)</sup> ĠUL 168, 30.6.2017, p. 12.

- (5) Sabiex jiġi evitat li l-investituri jiġu mqarqa u tiġi żgurata l-konsistenza mal-informazzjoni inkluża fil-prospett, meta l-informazzjoni finanzjarja storika inkluża fil-prospett tkun iddikjarata mill-ġdid fil-każ ta' żbalji materjali li jkunu jinsabu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew bidliet fl-istandards kontabilistiċi, l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett jenħtieġ li tirrifletti dik l-informazzjoni finanzjarja storika mill-ġdid.
- (6) Meta emittent ikollu storja finanzjarja kumplessa, jenħtieġ li, fejn xieraq, jippreżenta l-informazzjoni finanzjarja tiegħu u l-informazzjoni finanzjarja relatata ma' entità jew entitajiet oħra fit-taqsimha indipendenti fis-sommarju tal-prospett.
- (7) L-investituri jeħtieġu ċarezza fir-rigward ta' liema informazzjoni tiffirma parti mill-prospett u lil min qed tiġi indirizzata offerta ta' titoli lill-pubbliku. Għalhekk, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni inkorporata b'referenza, meta l-prospett ikun fih iperlinks, huwa jenħtieġ li jinforma lill-investituri li l-informazzjoni fuq is-siti web relatati ma tkunx parti mill-prospett u ma ġietx skrutinizzata jew approvata mill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri sabiex jiġi evitat li s-siti web użati għall-pubblikazzjoni tal-prospett jimmiraw għal residenti fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi fejn ma ssirx l-offerta ta' titoli lill-pubbliku, pereżempju billi tiġi inkluża fuq is-sit web dikjarazzjoni li tidentifika d-destinatarji tal-offerta.
- (8) Ir-rapportar u l-pubblikazzjoni ta' *data* f'format elettroniku li jinqara minn magna jiffaċilita l-użu effiċjenti u l-iskambju ta' dik id-*data*. Għalhekk jenħtieġ li tiġi speċifikata l-lista ta' attributi ta' *data* li għandhom jiġu rrapportati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għall-klassifikazzjoni tal-prospetti u l-użu ta' mudelli f'format XML jenħtieġ li jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li dawn l-entrati jkunu jistgħu jinqraw minn magna. Il-lista tad-*data* jenħtieġ li tkun komprensiva biżżejjed biex tiżgura li l-ESMA tissodisfa l-mandat tagħha skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2017/1129 biex tippubblika rapport annwali li jkun fih statistika dwar il-prospetti approvati u nnotifikati fl-Unjoni, kif ukoll analiżi tax-xejriet waqt li jikkunsidra t-tip ta' emittenti u t-tip ta' ħruġ.
- (9) Sabiex jiġi evitat li investituri individwali jiġu mqarqa matul il-proċess ta' kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe titolu propost għal offerti pubbliċi jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, jenħtieġ li reklam ma jitqiesx bħala d-dokument prinċipali ta' informazzjoni. Għaldaqstant u sabiex tiġi evitata l-konfużjoni mal-prospett, jenħtieġ li r-reklami ma jkunux twal iżżejjed.
- (10) Ir-reklami relatati mal-offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jistgħu ma jibqgħux eżattirati jew iqarqu meta jinħoloq fattur ġdid sinifikanti, żball materjali jew ineżattezza materjali relatati mal-informazzjoni fil-prospett korrispondenti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti biex jiġi żgurat li r-reklami jiġu emendati mingħajr dewmien żejjed meta dawn ma jibqgħux eżatti jew iqarqu minħabba tali fattur ġdid, żball materjali jew ineżattezza materjali.
- (11) Sabiex l-investituri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati ta' investment, l-informazzjoni li tinsab fir-reklami jenħtieġ li ma tippreżentax perspettiva żbilanċjata, pereżempju, billi tippreżenta aspetti negattivi ta' din l-informazzjoni b'inqas prominenza minn aspetti pożittivi.
- (12) Bħala alternattiva l-miżuri ta' prestazzjoni jistgħu b'mod sproporzjonat jinfluwenzaw deċiżjonijiet ta' investment, informazzjoni dwar offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat iċċirkolata barra mill-prospett jenħtieġ li ma tkunx permessa li tinkludi miżuri bħal dawn, sakemm dawn ma jkunux inklużi fil-prospett.
- (13) L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ospitanti ma jagħmlux skrutinju tal-prospetti. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li l-investituri fl-Istati Membri ospitanti jkunu protetti b'mod adegwat, meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tfittex l-assistenza tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-domiċilju, hija jenħtieġ li tikkomunika l-informazzjoni li hija rilevanti għall-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-domiċilju sabiex tivvaluta l-konsistenza tar-reklam mal-kontenut tal-prospett. Tali komunikazzjoni jenħtieġ li sseħħ fiż-żmien xieraq biex jiġi żgurat li l-investituri fl-Istati Membri ospitanti ma jiġux ippenalizzati mill-fatt li l-awtoritajiet kompetenti ospitanti ma jagħmlux skrutinju tal-prospetti u jkollhom biżżejjed żmien biex janalizzaw l-offerta pubblika sottostanti. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti għandha tkun infurmata sa fejn ikun meħtieġ biex teżerċita kontroll fuq il-konformità tal-attività ta' reklamar fil-ġurisdizzjoni tagħha.

- (14) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2017/1129 u biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati s-sitwazzjonijiet fejn il-pubblikazzjoni ta' suppliment għall-prospetti hija meħtieġa. Mhuwiex possibbli li jiġu identifikati s-sitwazzjonijiet kollha fejn ikun meħtieġ suppliment għall-prospett minħabba li dan jista' jiddependi fuq l-emittent u t-titoli involuti. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu speċifikati s-sitwazzjonijiet minimi fejn ikun meħtieġ suppliment.
- (15) Rapporti finanzjarji annwali awditjati huma kruċjali għall-investituri meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-investment. Sabiex jiġi żgurata li l-investituri jibbażaw id-deċiżjonijiet dwar l-investment tagħhom fuq l-aktar informazzjoni finanzjarja reċenti, huwa meħtieġ li tkun mitluba l-pubblikazzjoni ta' suppliment li jinkludi rapporti finanzjarji annwali awditjati għodda tal-emittenti tat-titoli ta' ekwità u l-emittenti tal-ishma sottostanti meta riċevuti depożitarji jkunu ppubblikati wara l-approvazzjoni tal-prospett.
- (16) Peress li l-previżjonijiet tal-profit u l-istimi tal-profit jistgħu jinfluwenzaw deċiżjoni ta' investment, huwa meħtieġ li jiġi ppubblikat suppliment li jkun fih kwalunkwe emenda għal ċifri impliċiti jew esplici li jikkostitwixxu previżjonijiet ta' profit jew stimi tal-profit jew l-irtirar ta' previżjoni ta' profit jew stima tal-profit diġà inkluża fil-prospett. Għall-istess raġuni, fil-każ ta' titoli ta' ekwità u riċevuti depożitarji, huwa wkoll meħtieġ li jiġi prodott suppliment għall-prospett fejn tbassir tal-profit jew stima tal-profit għodda jkunu ġew ippubblikati qabel tmien il-perjodu tal-offerta jew qabel l-ammissjoni għall-kummerċ.
- (17) Informazzjoni dwar l-identità tal-azzjonisti ewlenin jew kwalunkwe entità ta' kontroll tal-emittent hija vitali għal valutazzjoni informata tal-emittent. Madankollu, bidla fil-kontroll tal-emittent hija partikolarment sinifikanti fejn l-offerta tirreferi għal titoli ta' ekwità, li ġeneralment ikunu aktar sensitivi għall-prezz għall-bidliet tal-emittenti. Għaldaqstant, għandu jiġi ppubblikat suppliment meta jkun hemm bidla ta' kontroll ta' emittent ta' titoli ta' ekwità jew emittent ta' ishma sottostanti ta' riċevuti depożitarji.
- (18) Huwa essenzjali li l-investituri potenzjali li jivvalutaw offerta pendenti ta' titoli ta' ekwità jkunu f'pożizzjoni li jqabblu t-termini u l-kundizzjonijiet ta' tali offerta mal-prezz jew it-termini ta' skambju marbuta ma' kull offerta pubblika ta' xiri mħabbra matul l-perjodu tal-offerta. Barra minn hekk, ir-riżultat ta' offerta pubblika ta' xiri hija sinifikanti għad-deċiżjoni dwar l-investment minħabba li l-investituri jeħtieġu li jkunu jafu jekk dan jimplikax bidla fil-kontroll tal-emittent jew le. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ppubblikat suppliment fil-każ ta' kull offerta pubblika ta' xiri għodda.
- (19) Meta dikjarazzjoni tal-kapital operatorju ma tkunx valida aktar, l-investituri ma jkunux f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjoni dwar l-investment bl-informazzjoni kollha dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-emittent. L-investituri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jivvalutaw mill-ġdid id-deċiżjonijiet dwar l-investment tagħhom fid-dawl tal-informazzjoni l-ġdida dwar il-kapaċità tal-emittent li jaċċessa flus kontanti u riżorsi likwidi disponibbli oħra biex jagħmel tajjeb għar-responsabbiltajiet tiegħu. Sabiex dan isir, huwa meħtieġ suppliment.
- (20) Wara l-approvazzjoni ta' prospett, emittent jew offerent jista' jiddeċiedi li joffri t-titoli fi Stati Membri oħra għajr dawk imsemmija fil-prospett, jew japplika għall-ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli fi swieq regolati fi Stati Membri oħra li mhuwiex dawk previsti fil-prospett. L-informazzjoni dwar tali offerti u ammissjonijiet fih hija importanti għall-valutazzjoni tal-investitur ta' ċerti aspetti tat-titoli tal-emittent u għalhekk huwa xieraq li f'dawn il-każijiet jintalab suppliment.
- (21) Il-pożizzjoni finanzjarja jew in-negozju tal-entità x'aktarx ikunu affettwati minn impenn finanzjarju sinifikanti. Għaldaqstant, l-investituri għandhom ikunu intitolati li jirċievu informazzjoni addizzjonali dwar il-konsegwenzi ta' dan l-impenn f'suppliment għall-prospett.
- (22) Żieda tal-ammont nominali aggregat ta' programm ta' offerti tipprovdi informazzjoni dwar il-ħtieġa akbar tal-emittenti għall-finanzjament jew żieda fit-talbiet għat-titoli tal-emittenti. F'każ bħal dan, jenħtieġ li jiġi ppubblikat suppliment għall-prospett.

- (23) L-awtoritajiet kompetenti rilevanti jenħtieġ li jirċievu l-prospett u d-*dati* takkumpanjahom fil-ħin debitu permezz tal-portal ta' notifika, flimkien ma' ċertifikat ta' approvazzjoni li jiddikjara li l-prospett tfassal skont ir-Regolament (UE) 2017/1129. L-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-portal ta' notifika jippreserva s-sigurtà u l-integrità tal-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti jibqgħu responsabbli għas-sottomissjoni ta' tali informazzjoni. Sabiex ikun permess it-tħaddim bla xkiel u f'waqtu tal-portal ta' notifika, huwa neċessarju li tiġi speċifikata d-*dati* takkumpanjahom li għandha tittella' f'dak il-portal ta' notifika.
- (24) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar tali abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-*Titoli* u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-ESMA ma kkonsultatx lil dak il-grupp ta' partijiet ikkonċernati dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tekniċi għall-portal ta' notifika peress li dawk l-arranġamenti jaffettwaw biss lill-ESMA u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- (25) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (26) Peress li dan ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 <sup>(3)</sup> u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 <sup>(4)</sup>, dawn ir-Regolamenti Delegati jsiru obsoleti u għalhekk jenħtieġ li jitħassru.
- (27) Peress li dan ir-Regolament jissupplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi ddifferita sad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1129,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### INFORMAZZJONI FINANZJARJA EWLENJA FIS-SOMMARJU TAL-PROSPETT

#### TAQSIMA I

#### *Kontenut tal-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju tal-prospett*

##### Artikolu 1

#### **Kontenut minimu tal-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett**

1. L-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett għandha tkun magħmula mill-informazzjoni finanzjarja stabbilita fl-Annessi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/980 <sup>(5)</sup>.
2. Meta kwalunkwe informazzjoni msemmija fit-tabelli rilevanti stabbiliti fl-Annessi I sa VI ta' dan ir-Regolament ma tkunx inkluża fir-rapporti finanzjarji tal-emittent, l-emittent għandu jiżvela entrata korrispondenti fir-rapporti finanzjarji tiegħu minflok.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Supervisorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-*Titoli* u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-pubblikazzjoni ta' supplimenti għall-prospetti (ĠU L 111, 15.4.2014, p. 36).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 tat-30 ta' Novembru 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-prospett u t-tixrid tar-reklamar u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 13).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ fsuq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3. L-emittent jista' jinkludi partiti addizzjonali jew miżuri ta' prestazzjoni alternattivi fis-sommarju ta' prospett fejn dawn ikunu informazzjoni finanzjarja ewlenija dwar l-emittent jew dwar it-titoli li jkunu qed jiġu offruti jew ammessi għall-kummerċ fsuq regolat. Għall-finijiet tal-ewwel sentenza, miżuri ta' prestazzjoni alternattivi għandhom ikunu miżuri finanzjarji tal-prestazzjoni finanzjarja storika u futura, il-pożizzjoni finanzjarja, jew flussi tal-flus, għajr miżuri finanzjarji definiti fil-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli.

4. Emittenti li ma jaqgħu taħt l-ebda tip ta' emittent identifikat fl-Artikoli 2 sa 8 għandhom jippreżentaw l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli li jqisu l-aktar mill-qrib mat-tip ta' titoli maħruġa.

5. L-informazzjoni finanzjarja ewlenija għandha tiġi ppreżentata għan-numru ta' snin meħtieġa mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni għat-tip ta' ħruġ u ta' titoli maħruġa.

#### Artikolu 2

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għal entitajiet mhux finanzjarji li joħorġu titoli ta' ekwità**

Meta l-emittent ikun entità mhux finanzjarja li toħroġ titoli ta' ekwità, is-sommarju ta' prospett għandu jkun fih l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli stipulati fl-Anness I.

#### Artikolu 3

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għal entitajiet mhux finanzjarji li joħorġu titoli mingħajr ekwità**

Meta l-emittent ikun entità mhux finanzjarja li toħroġ titoli mingħajr ekwità, is-sommarju ta' prospett għandu jkun fih l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli stabbiliti fl-Anness II.

#### Artikolu 4

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għall-istituzzjonijiet ta' kreditu**

Meta l-emittent ikun istituzzjoni ta' kreditu, is-sommarju ta' prospett għandu jkun fih l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli stipulati fl-Anness III.

#### Artikolu 5

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni**

Meta l-emittent ikun istituzzjoni ta' kreditu, is-sommarju ta' prospett għandu jkun fih l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli stipulati fl-Anness IV.

#### Artikolu 6

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għal veikoli bi skop speċjali li joħorġu titoli ggarantiti b'assi**

Meta l-emittent ikun veikolu bi skop speċjali li joħroġ titoli ggarantiti b'assi, is-sommarju ta' prospett għandu jkun fih l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli stabbiliti fl-Anness V.

#### Artikolu 7

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għall-fondi tat-tip magħluq**

Meta l-emittent ikun fond tat-tip magħluq, is-sommarju ta' prospett għandu jkun fih l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabelli stipulati fl-Anness VI.

#### Artikolu 8

##### **Informazzjoni finanzjarja ewlenija għall-garanti**

Meta garanzija hija marbuta mat-titoli, l-informazzjoni finanzjarja ewlenija dwar il-garanti għandha tiġi ppreżentata bħallikieku l-garanti kien l-emittent tal-istess tip ta' titolu li huwa s-suġġett tal-garanzija permezz tat-tabelli stabbiliti fl-Annessi minn I sa VI. Meta l-garanzija tingħata għal titoli ggarantiti b'assi, l-informazzjoni finanzjarja ewlenija dwar il-garanti għandha tiġi ppreżentata bħallikieku l-garanti kien l-emittent tat-titoli sottostanti.

## TAQSIMA 2

**Format tal-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju tal-prospett**

## Artikolu 9

**Format tal-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett**

1. L-informazzjoni finanzjarja ewlenija għandha tiġi ppreżentata f'format tabulari skont it-tabelli tal-Annessi minn I sa VI ta' dan ir-Regolament.
2. Kwalunkwe informazzjoni finanzjarja storika fis-sommarju ta' prospett, li ma tkunx estratta mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, għandha tiġi identifikata bħala tali.
3. Fejn informazzjoni *pro forma* li għandha tiġi inkluża fis-sommarju ta' prospett taffettwa l-informazzjoni finanzjarja ewlenija msemmija fit-tabella rilevanti tal-Annessi minn I sa VI ta' dan ir-Regolament, dik l-informazzjoni *pro forma* għandha tiġi ppreżentata f'kolonni addizzjonali fit-tabelli stabbiliti fl-Annessi minn I sa VI ta' dan ir-Regolament jew bħala tabella separata. Meta jkun meħtieġ għall-fehim tagħha, l-informazzjoni *pro forma* għandha tkun akkumpanjata bi spjegazzjoni qasira taċ-ċifri ppreżentati fil-kolonni addizzjonali jew tabella separata.

Meta fil-każ ta' bidla grossa sinifikanti tiġi inkluża informazzjoni kwalitattiva biss fil-prospett, dikjarazzjoni f'dak is-sens għandha tiġi inkluża fis-sommarju ta' dak il-prospett.

4. Meta l-emittent għandu passat finanzjarju kumpless kif stipulat fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat 2019/980, l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju tal-prospett għandha tkun ippreżentata b'mod konsistenti mal-prospett u bl-użu tat-tabelli rilevanti fl-Annessi minn I sa VI mar-Regolament.

## KAPITOLU II

**PUBBLIKAZZJONI TAL-PROSPETT**

## Artikolu 10

**Pubblikazzjoni tal-prospett**

1. Meta prospett, magħmul minn dokument wieħed jew minn dokumenti separati, ikun fih iperlinks għal siti web, huwa għandu jinkludi dikjarazzjoni li tgħid li l-informazzjoni fuq is-siti web ma tifformax parti mill-prospett u ma għietx skrutinizzata jew approvata mill-awtorità kompetenti. Dan ir-reqwizit ma għandux japplika għal iperlinks għall-informazzjoni li tkun inkorporata b'referenza.
2. Meta prospett jiġi ppubblikat skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2017/1129, għandhom jittieħdu miżuri fuq is-siti web użati għall-pubblikazzjoni tal-prospett biex jiġi evitat li jkunu fil-mira residenti ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi għajr dawk fejn it-titoli jiġu offruti lill-pubbliku.

## KAPITOLU III

**DATA LI TISTA' TINQARA MILL-MAGNI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-PROSPETTI**

## Artikolu 11

**Data għall-klassifikazzjoni tal-prospetti**

Meta tipprovdi lill-ESMA b'kopja elettronika ta' prospett approvat, inklużi kwalunkwe suppliment u kundizzjonijiet finali fejn applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi wkoll lill-ESMA d-*datati* takkumpanjahom rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-prospetti skont it-tabelli stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 12

**Arranġamenti prattiċi biex ikun żgurat li d-data tkun tista' tinqara mill-magni**

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi d-*data* li takkumpanja msemmija fl-Artikolu 11 f'format XML komuni u skont il-format u l-istandards stabbiliti fit-tabelli fl-Anness VII.

## KAPITOLU IV

## REKLAMI

## Artikolu 13

## IDENTIFIKAZZJONI TAL-PROSPETT

Fejn l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat hija soġġetta għall-obbligu li tfassal prospett, reklam għandu jidentifika b'mod ċar dak il-prospett billi:

- (a) jidentifika b'mod ċar is-sit web fejn il-prospett huwa ppubblikat, jew se jkun ippubblikat, fejn ir-reklamar jiġi mxerred f'forma miktuba u b'mezz ieħor li mhux elettroniku;
- (b) jinkludi iperlink għall-prospett u għall-kundizzjonijiet finali rilevanti ta' prospett bażi fejn ir-reklam jixxerred f'forma miktuba b'mezzi elettroniċi, jew billi jiġi inkluż iperlink għas-sit web fejn il-prospett se jiġi ppubblikat jekk il-prospett għadu ma ġiex ippubblikat;
- (c) jinkludi informazzjoni eżatta dwar fejn jista' jinkiseb il-prospett, u informazzjoni eżatta dwar l-offerta ta' titoli jew l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat relatat magħha, fejn ir-reklam jixxerred f'forma jew b'mezz li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (a) jew (b).

## Artikolu 14

## Kontenut meħtieġ

1. Ir-reklami mxerrda lill-investituri individwali potenzjali għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:
  - (a) il-kelma "reklam", b'mod prominenti. Meta reklam jixxerred f'forma orali, l-iskop tal-komunikazzjoni għandu jkun identifikat b'mod ċar fil-bidu tal-messaġġ;
  - (b) dikjarazzjoni li l-approvazzjoni tal-prospett ma għandhiex tintfiehmed bħala approvazzjoni tat-titoli offruti jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat fejn ir-reklam ikun fih referenza għal prospett approvat minn awtorità kompetenti;
  - (c) rakkomandazzjoni li investituri potenzjali jaqraw il-prospett qabel ma jagħmlu deċiżjoni ta' investiment sabiex jifhmu bis-sħiħ ir-riskji u l-benefiċċji potenzjali assoċjati mad-deċiżjoni li jinvestu fit-titoli fejn ir-reklam ikun fih referenza għal prospett approvat minn awtorità kompetenti;
  - (d) allert ta' komprensioni meħtieġ skont il-punt (b) tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup> meta:
    - (i) ir-reklam jirrigwarda titoli kumplessi li mhumiex l-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punti (i), (ii) u (vi) tal-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(7)</sup>; u
    - (ii) l-allert ta' komprensioni hu, jew se jkun, inkluż fis-sommarju tal-prospett.

2. Ir-reklami bil-miktub, li jiġu disseminati lil investituri individwali potenzjali, għandhom ikunu differenti biżżejjed fil-format u fit-tul mill-prospett biex ma tkun possibbli l-ebda konfużjoni mal-prospett.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

*Artikolu 15***Disseminazzjoni tar-reklami**

1. Ir-reklami mxerrda lill-investituri potenzjali għandhom jiġu emendati meta:
  - (a) suppliment għall-prospett huwa sussegwentement ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
  - (b) il-fattur ġdid sinifikanti, żball materjali jew ineżattezza materjali msemmija fis-suppliment tirrendi lir-reklam preċedentement imxerred b'mod materjali ineżatt jew li jqarqu.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika wara l-għeluq finali tal-perjodu tal-offerta lill-pubbliku jew wara ż-żmien meta jibda l-kummerċ fsuq regolat, skont liema minnhom iseħħ l-aħħar.

2. Ir-reklami emendati kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu disseminati lill-investituri potenzjali mingħajr dewmien żejjed wara l-pubblikazzjoni tas-suppliment għall-prospett u għandu jkun fihom dan kollu li ġej:
  - (a) referenza ċara għall-verżjoni ineżatta jew qarrieqa tar-reklam;
  - (b) spjegazzjoni li r-reklam ġie emendat minħabba li kien fih informazzjoni materjalment ineżatta jew qarrieqa;
  - (c) deskrizzjoni ċara tad-differenzi bejn iż-żewġ verżjonijiet tar-reklam.
3. Bl-eċċezzjoni tar-reklami disseminati oralment, ir-reklami emendati skont il-paragrafu 1 għandhom jixxerrdu mill-inqas permezz tal-istess mezzi bħar-reklam preċedenti.

*Artikolu 16***Informazzjoni dwar offerti ta' titoli**

1. Informazzjoni żvelata f'forma orali jew miktuba li tikkonċerna offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni għall-kummerċ fsuq regolat, kemm bħala reklam jew għal skopijiet oħra, ma għandhiex:
  - (a) tikkontradixxi l-informazzjoni fil-prospett;
  - (b) tirreferi għal informazzjoni li tikkontradixxi dak li jkun jinsab fil-prospett;
  - (c) tippreżenta l-informazzjoni fil-prospett b'mod żbilanċjat materjalment, inkluż permezz tal-preżentazzjoni ta' aspetti negattivi ta' tali informazzjoni b'inqas prominenza mill-aspetti pożittivi, l-ommissjoni jew il-preżentazzjoni selettiva ta' ċerta informazzjoni;
  - (d) ikun fiha miżuri alternattivi ta' prestazzjoni sakemm ma jkunux inklużi fil-prospett.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-informazzjoni fil-prospett għandha tikkonsisti jew f'informazzjoni inkluża fil-prospett, jekk ikun diġà ppubblikat, jew informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-prospett, jekk il-prospett għandu jkun ippubblikat f'data aktar tard.
3. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 1, miżuri ta' prestazzjoni alternattivi għandhom jikkonsistu minn miżuri finanzjarji tal-prestazzjoni finanzjarja storika jew futura, il-pożizzjoni finanzjarja, jew flussi ta' flus, għajr miżuri finanzjarji definiti fil-qafas tar-rapportar finanzjarju applikabbli.



*Artikolu 17***Proċedura għall-kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti**

1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li fih jiġi disseminat reklam temmen li l-kontenut ta' dak ir-reklam mhuwiex konsistenti mal-informazzjoni fil-prospett, hija tista' titlob l-assistenza tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju. Meta mitluba tagħmel dan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih qed jixxerred ir-reklam għandha tikkomunika dan li ġej lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju:

- (a) ir-raġunijiet tagħha għaliex temmen li l-kontenut tar-reklam huwa inkonsistenti mal-informazzjoni fil-prospett;
- (b) ir-reklam relevanti u, fejn neċessarju, traduzzjoni tar-reklam fil-lingwa tal-prospett jew flingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha, mill-aktar fis possibbli, tibgħat lill-awtorità kompetenti fejn ikun qed jixxerred ir-reklam ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha tal-konsistenza tar-reklam mal-informazzjoni fil-prospett.

## KAPITOLU V

**SUPPLIMENTI GĦALL-PROSPETT***Artikolu 18***Pubblikazzjoni ta' supplement għall-prospett**

1. Supplement għall-prospett għandu jkun ippubblikat fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) rapporti finanzjarji annwali awditjati għodda jiġu ppubblikati minn dawn li ġejjin:

(i) emittent fejn prospett ikun relatat ma' titoli ta' ekwità;

(ii) emittent tal-ishma sottostanti jew titoli trasferibbli oħrajn ekwivalenti għal ishma fil-każ tat-titoli msemmija fl-Artikoli 19(2), 19(3) jew 20(2) tar-Regolament Delegat 2019/980;

(iii) emittent tal-ishma sottostanti ta' riċevuti depożitarji msemmija fl-Artikoli 6 u 14 tar-Regolament Delegat 2019/980;

(b) emittent ippubblika previżjoni jew estimu ta' profitt wara l-approvazzjoni tal-prospett meta previżjoni jew estimu ta' profitt huwa meħtieġ li jkun inkluż fil-prospett skont ir-Regolament Delegat 2019/980;

(c) fil-prospett tkun inkluża emenda għal previżjoni jew estimu ta' profitt jew l-irtirar ta' tali previżjoni jew estimu;

(d) iseħħ tibdil fil-kontroll fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(i) emittent fejn prospett ikun relatat ma' titoli ta' ekwità;

(ii) emittent tal-ishma sottostanti jew titoli trasferibbli oħrajn ekwivalenti għal ishma fil-każ li prospett huwa relatat ma' titoli msemmija fl-Artikoli 19(2), 19(3) jew 20(2) tar-Regolament Delegat 2019/980;

